

31996L0053

17.9.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 235/59

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/53/KE****tal-25 ta' Lulju 1996****li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,Waqt li jaġġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

- (1) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 85/3/KEE tad-19 ta' Diċembru 1984 dwar il-piżijiet, id-dimensjonijiet u ċerti karatteristiċi tekniċi oħrajn tal-vetturi tat-triq <sup>(4)</sup> stabbiliet, fil-qafas tal-politika dwar it-trasport komuni, standards komuni li jippermettu l-użu mtejjeb tal-vetturi tat-triq fi traffiku bejn l-Istati Membri;
- (2) Filwaqt li d-Direttiva 85/3/KEE ġiet emendata sinifikament f'hafta okkażjonijiet; filwaqt li fl-okkażjoni ta' l-aħħar emenda tagħha għandha għal raġunijiet ta' kjarizza u razzjonalità terġa' tiġi fformolata bħala test singolu flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 86/364/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 li għandha x'taqsam max-xhieda ta' konformità tal-vetturi mad-Direttiva 85/3/KEE <sup>(5)</sup>;
- (3) Filwaqt li d-differenzi bejn l-istandards fis-seħħ fl-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu l-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-triq kummerċjali jstgħu jkollhom effett kuntrarju fuq il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni u jikkostitwixxu ostakolu għat-traffiku bejn l-Istati Membri;

- (4) Filwaqt li, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandha tittieħed azzjoni fil-livell Komunitarju sabiex jitneħħa dan l-ostakolu;
- (5) Filwaqt li l-istandards imsemmija fuq jirriflettu bilanċ bejn l-użu razzjonali u ekonomiku tal-vetturi tat-triq kummerċjali u l-ħtiġiet tal-manutenzjoni ta' l-infrastruttura, is-sigurtà fit-triq u l-protezzjoni ta' l-ambjent u ċ-ċiklu tal-ħajja;
- (6) Filwaqt li l-istandards komuni dwar id-dimensjonijiet tal-vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija għandhom jibqgħu stabbli għal żmien twil;
- (7) Filwaqt li ħtiġiet tekniċi addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi jstgħu japplikaw għal vetturi kummerċjali reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni fi Stat Membru; filwaqt li dawn il-ħtiġiet m'għandhomx jikkostitwixxu ostakolu għaċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi kummerċjali bejn l-Istati Membri;
- (8) Filwaqt li d-definizzjoni ta' "vettura mkessħa ta' ġnub ħoxnin" fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 85/3/KEE, kif emendata bid-Direttiva 89/388/KEE <sup>(6)</sup>, għandha tiġi mwessgħa sabiex tippermetti l-Istati Membri li jħallu vetturi mkessħa li m'għadhomx jilħqu l-ħtiġiet ta' insulazzjoni definiti f'dak l-Artikolu li jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom;
- (9) Filwaqt li hu neċessarju li jiġi kkjarifikat il-kunċett ta' "tagħbija indiviżibbli" sabiex tiġi assigurata applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva fejn għandhom x'jaqsmu l-permessi għal vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jerfegħu dawn it-tagħbijiet;
- (10) Filwaqt li t-tunnellata metrika hija użata universalment u mifhuma bħala unità ta' kejl għall-piż ta' vettura u hi, għalhekk, applikata għal din id-Direttiva waqt li tagħraf li l-unità formali ta' piż huwa n-newton;
- (11) Filwaqt li, fl-implimentazzjoni tas-suq intern, l-iskop ta' din id-Direttiva għandu jiġi estiż għat-trasport nazzjonali sa fejn jikkonċerna l-karatteristiċi li sinifikament jaffettwaw il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur tat-

<sup>(1)</sup> ĠU C 38, tat-8.2.1994, p. 3 u ĠU C 247, tat-23.9.1995, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 295, tat-22.10.1994, p. 72.<sup>(3)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ikkonsenjata fil-15 ta' Novembru 1994 (ĠU C 341, tal-5.12.1994, p. 39), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 1995 (ĠU C 356, tat-30.12.1995, p. 13), u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 1996 (ĠU C 96, ta' l-4.4.1996, p. 233).<sup>(4)</sup> ĠU L 2, tat-3.1.1985, p. 14. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 92/7/KEE (ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 29).<sup>(5)</sup> ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 48.<sup>(6)</sup> ĠU L 142, tal-25.5.1989, p. 3.

- trasport u b'mod partikolari il-valuri li għandhom x'jaqsmu mat-tul u l-wisa' massimi awtorizzati u l-kombinazzjonijiet tal-vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija;
- (12) Filwaqt li, għall-karatteristiċi l-oħrajn tal-vetturi, l-Istati Membri huma awtorizzati japplikaw fit-territorju tagħhom valuri differenti minn dawk provduti f'din id-Direttiva biss għal vetturi użati fit-traffiku nazzjonali;
- (13) Filwaqt li *road trains* li jużaw sistemi ta' agganċjar estensivi fil-prattika jiksbu tul massimu ta' 18,75 m meta estiżi fil-intier; filwaqt li l-istess tul massimu għandu jkun awtorizzat għal *road trains* li jużaw sistemi ta' agganċjar fissi;
- (14) Filwaqt li l-wisa' massimu awtorizzat ta' 2,50 m għal vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija jista' jħalli spazju intern suffiċjenti għat-tagħbija effiċjenti ta' *pallets*, li kkawżat l-applikazzjoni ta' tolleranzi differenti lil hinn minn dak il-livell fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri li tikkonċerna t-traffiku domestiku; filwaqt li adattament ġenerali għas-sitwazzjoni kurrenti hija għalhekk neċessarja sabiex tippovdi kjarezza fil-ħtiġiet tekniċi, meta wieħed jiftakar l-aspetti tas-sigurtà fit-triq ta' dawn il-karatteristiċi;
- (15) Filwaqt li jekk il-wisgħa massimu tal-vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija jiżded għal 2,55 m, dak l-istandard għandu wkoll jiġi applikat għal xarabanks; filwaqt li fejn għandhom x'jaqsmu x-xarabanks, huwa madanakollu neċessarju li jipprovdu għal perjodu transitorju biex jippermettu l-fabbrikanti kkonċernati jadattaw l-impjant industrijali;
- (16) Filwaqt li, sabiex tkun ipprevenuta ħsara eċċessiva lit-toroq u sabiex tkun assigurata l-manuvrabbiltà, l-awtorizzazzjoni u fl-użu tal-vetturi għandha tingħata preferenza lis-sospensjoni pneumatica jew ekwivalenti aktar milli lis-sospensjoni mekkanika; filwaqt li m'għandhomx ikunu eċċeduti ċerti tagħbijiet massimi fuq il-fus, u l-vettura għandha tkun kapaċi ddur f' 360° fi ħdan ċerti valuri limiti għar-rotta segwita;
- (17) Filwaqt li l-Istati Membri għandu jkollhom il-permess, fit-trasport ta' merkanzija nazzjonali, li jħallu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva li jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom jekk l-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa minn dawn il-vetturi huma definiti minn din id-Direttiva bħala li ma jaffettwawx sinifikament il-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport, jiġifieri operazzjonijiet imwettqa minn vetturi speċjalizzati u operazzjonijiet imwettqa skond il-kunċett modulari;
- (18) Filwaqt li, fil-każ ta' operazzjonijiet ta' kunċett modulari, għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-perjodu transitorju biex Stat Membru jkun jista' jadatta l-infrastruttura tat-toroq tiegħu;
- (19) Filwaqt li vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li japplikaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda, skond l-istandards li jvarjaw minn dawk stabbiliti minn din id-Direttiva, għandhom ikunu permessi jwettqu operazzjonijiet tat-trasport lokali għal perjodu ta' prova sabiex jippermettu li jkun hemm profitt mill-progress tekniċu;
- (20) Filwaqt li l-vetturi li daħlu fis-servizz qabel id-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u li ma jikkonformawx mal-karatteristiċi ta' dimensjoni mqiegħda f'din id-Direttiva, minħabba dispożizzjonijiet nazzjonali jew metodi ta' miżura preċedenti li jvarjaw, għandhom jitħallew ikomplu jipprovdu servizzi ta' trasport fi ħdan l-Istat Membru fejn il-vettura hija reġistrata jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni għal perjodu transitorju;
- (21) Filwaqt li sar progress lejn l-adozzjoni ta' Direttivi ta' l-Approvazzjoni tat-Tip għal kombinazzjonijiet ta' vetturi b'ħames jew sitt fusijiet; filwaqt li, l-ħtiġiet li jirrigwardaw il-konformità b'karatteristiċi ta' xort'oħra minn piżijiet u dimensjonijiet kif imqiegħda fl-Anness II tad-Direttiva 85/3/KEE għandhom għalhekk jitħassru;
- (22) Filwaqt li din il-modifika hija wkoll neċessarja sabiex jiġu evitati regoli f'konflitt mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar it-traffiku u ċ-ċirkolazzjoni;
- (23) Filwaqt li sabiex ikun iffaċilitat il-monitoraġġ ta' konformità ma' din id-Direttiva, huwa neċessarju li jiġi assigurat li l-vetturi jkollhom xhieda ta' din il-konformità;
- (24) Filwaqt li din id-Direttiva ma taffettwax l-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskadenzi għat-trasportazzjoni għal-liġi nazzjonali u għall-applikazzjoni tad-Direttivi li din id-Direttiva tissostitwixxi,

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

#### L-Artikolu 1

##### 1. Din id-Direttiva tapplika għal:

- (a) dimensjonijiet ta' vetturi bil-mutur fil-kategoriji M2, M3 u N2 u N3 u l-*trailers* tagħhom fil-kategoriji 03 u 04, kif definiti fl-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-*trailers* tagħhom <sup>(1)</sup>;

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

(b) l-piżijiet u ċerti karatteristiċi oħrajn tal-vetturi definiti f(a) u speċifikati fl-Anness 1(2) ma' din id-Direttiva.

2. Il-valuri kollha tal-piżijiet indikati fl-Anness I huma validi bħala standards ta' ċirkolazzjoni u għalhekk jirreferu għall-kon-dizzjonijiet ta' tagħbija, mhux għall-istandards ta' produzzjoni, li jkunu definiti f'Direttiva iktar tard.

#### L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- “vettura bil-mutur” għandha tfisser kull vettura b'inġenju li tivvjaġġa fit-triq awtomatikament,
- “trailer” għandu jfisser kull vettura maħsuba biex tkun agganċjata ma' vettura bil-mutur bl-esklużjoni ta' *semi-trailers*, u mibnija u mgħammra għat-trasport tal-merkanzija,
- “*semi-trailer*” għandu jfisser kull vettura maħsuba li tkun agganċjata ma' vettura bil-mutur b'tali mod li parti minnha jibqa' fuq il-vettura bil-mutur b'parti sostanzjali mill-piż tagħha u mill-piż tat-tagħbija tagħha li jintrefa' mill-vettura bil-mutur, u mibnija u mgħammra għat-trasport ta' merkanzija,
- “kombinazzjoni ta' vettura” għandha tfisser jew:
  - *road train* li tikkonsisti f'vettura bil-mutur agganċjata ma' *trailer*; jew
  - vettura artikolata li tikkonsisti f'vettura bil-mutur agganċjata ma' *semi-trailer*,
- “vettura kondizzjonata” għandha tfisser kull vettura li s-superstrutturi fissi jew mobbli tagħha huma speċjalment mgħammra għat-trasport ta' merkanzija f'temperaturi kkontrollati u li l-ġnub tagħha, inkluża l-insulazzjoni, huma mill-inqas 45 mm ħoxnin,
- “xarabank” għandha tfisser vettura b'iktar minn disa' siġġijiet inkluż is-siġġu tax-xufier, mibnija u mgħammra biex iġġorr passiġġieri u l-bagalji tagħhom. Jista' jkollha sular wieħed jew tnejn u tista' wkoll iġġorr *trailer* tal-bagalji,
- “xarabank artikolat” għandha tfisser xarabank li tikkonsisti minn żewġ sezzjonijiet riġidi mqabba flimkien b'sezzjoni artikolata. Fuq din it-tip ta' vettura il-kompartimenti tal-passiġġieri f'kull wieħed miż-żewġ sezzjonijiet riġidi għandhom jinterkomunikaw. Is-sezzjoni artikolata għandha tip-permetti l-moviment liberu tal-vjaġġaturi bejn is-sezzjonijiet riġidi. Il-Konnessjoni u n-nuqqas ta' konnessjoni taż-żewġ sezzjonijiet għandha tkun possibbli biss fil-ħanut,
- “id-dimensjonijiet massimi awtorizzati” għandhom ifissru d-dimensjoni massima għall-użu ta' vettura, kif stabbilit fl-Anness I ma' din id-Direttiva,

– “il-piż massimu awtorizzat” għandu jfisser il-piż massimu għall-użu ta' vettura mgħobbija fit-traffiku internazzjonali,

– “il-piż tal-fus massimu awtorizzat” għandu jfisser il-piż massimu għall-użu fit-traffiku internazzjonali ta' fus mgħobbi jew ta' grupp ta' fusijiet,

– “tagħbija indivisibbli” għandha tfisser tagħbija li ma tistax, għall-iskop ta' trasport bit-triq, tinqasam f'żewġ tagħbijiet jew iktar mingħajr spejjeż żejda jew riskju ta' ħsara u li minħabba d-dimensjonijiet jew il-massa tagħha ma tistax tinġarr minn vettura bil-mutur, *trailer*, *road train* jew vettura artikolata li tikkonforma ma' din id-Direttiva fejn jidħlu l-kwistjonijiet kollha,

– “tunnellata metrika” għandha tfisser il-piż esegwit bil-massa ta' tunnellata metrika u għandha tikkorrispondi għal 9,8 kilonewtons (kN),

Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati kollha speċifikati fl-Anness I għandhom jitkejlu skond l-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE, b'ebda tolleranzi pożittivi.

#### L-Artikolu 3

1. Stat Membru ma jistax jiċħad jew jipprojbixxi l-użu fit-territorju tiegħu:

- fit-traffiku internazzjonali, ta' vetturi reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni f'kull Stat Membru ieħor għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-piżijiet u d-dimensjonijiet tagħhom,
- fit-traffiku nazzjonali, ta' vetturi tal-merkanzija reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni f'kull Stat Membru ieħor għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dimensjonijiet tagħhom,

sakemm dawn il-vetturi jikkonformaw mal-valuri limiti speċifikati fl-Anness I.

Din id-dispożizzjoni għandha tapplika minkejja l-fatt li:

- (a) l-vetturi msemija mhumiex konformi mal-ħtiġiet ta' dak l-Istat Membru fejn għandhom x'jaqsmu ċerti karatteristiċi ta' piż u dimensijsni mhux koperti mill-Anness I;
- (b) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-vetturi huma reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni għandha limiti awtorizzati mhux imsemija fl-Artikolu 4(1) li jeċċedu dawk imqiegħda fl-Anness I.

2. Madanakollu, il-paragrafu 1(a) m'għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri, b'qies xieraq għal-liġi Komunitarja, li jeh-tiegu vetturi reġistrati jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni fit-territorju proprju li jkunu konformi mal-ħtiġiet nazzjonali tagħhom dwar kartteristiċi ta' piż u dimensjoni mhux koperti mill-Anness I.

3. L-Istati Membri jistgħu jeh-tiegu li vetturi kondizzjonati jkollhom ċertifikat ATP jew pjanċa ta' ċertifikazzjoni ATP prevista fil-Ftehim ta' l-1 ta' Settembru 1970 dwar it-trasport internazzjonali ta' affarijiet ta' l-ikel li jmorru u dwar it-tagħmir speċjali li għandu jintuża għal dan it-trasport.

#### L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu ċ-ċirkolazzjoni normali tal-vetturi jew kombinazzjonijiet ta' veturi għat-trasport nazzjonali ta' merkanzija fit-territorju tagħhom li mhumiex konformi mal-karatteristiċi stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 ta' l-Anness I.

2. L-Istati Membri jistgħu madanakollu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tagħhom ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport nazzjonali ta' tagħbija ta' merkanzija li mhumiex konformi mal-karatteristiċi stabbiliti f' 1.3, 2, 3, 4.1 u 4.3 ta' l-Anness I.

3. Vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jeċċedu d-dimensjonijiet massimi jistgħu biss jitħallew jiċċirkolaw fuq il-bażi ta' permessi speċjali maħruġa mingħajr diskriminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, jew fuq il-bażi ta' arranġamenti mhux diskriminatorji simili miftiehma fuq bażi ta' każ b'każ ma' dawk l-awtoritajiet, meta dawn il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi jerfgħu jew huma intenzjonati li jerfgħu tagħbijiet indivisibbli.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija li jwettqu ċerti operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport li ma jaffettwawx sinifikament il-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport li jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 to 1.8, 4.2 u 4.4 ta' l-Anness I.

L-operazzjonijiet tat-trasport għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ma jaffettwawx il-kompetizzjoni internazzjonali sinifikament fis-settur tat-trasport jekk waħda mill-kondizzjonijiet taħt (a) u (b) hija ssodisfata:

(a) L-operazzjonijiet tat-trasport huma mwettqa fit-territorju ta' Stat Membru minn vetturi speċjalizzati jew kombinazzjonijiet speċjalizzati ta' vetturi f'ċirkostanzi fejn mhumiex normalment imwettqa minn vetturi minn Stati Membri oħrajn, e.ż. operazzjonijiet marbuta mal-qtugħ tas-siġar u l-industrija forestjera;

(b) L-Istat Membru li jippermetti li l-operazzjonijiet tat-trasport jitwettqu fit-territorju tiegħu minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk imqiegħda fl-Anness I ukoll jippermetti vetturi bil-

mutur, trailers u semi-trailers li jikkonformaw mad-dimensjonijiet imqiegħda fl-Anness I li jiġu użati f'dawn il-kombinazzjonijiet biex jakkwistaw mill-inqas it-tul ta' tagħbija awtorizzat f'dak l-Istat Membru, sabiex kull operatur ikun jista' jibbenefika minn kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni (il-kunċett modulari).

L-Istat Membru kkonċernat li għandu jadatta l-infrastruttura tat-triq tiegħu sabiex ikun jista' jtemm il-kondizzjoni taħt (b) jista' madanakollu jipprojbixxi, sal-31 ta' Diċembru 2003 fl-iktar tard, iċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu, f'operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport tal-merkanzija, ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jeċċedu l-istandards nazzjonali kurrenti dwar dimensjonijiet, sakemm dik il-leġislazzjoni nazzjonali tibqa' tapplika għat-trasportaturi Komunitarji kollha b'mod mhux diskriminatorju.

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond dan il-paragrafu.

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw ma' hteġa waħda jew iktar ta' din id-Direttiva li jtemmu ċerti operazzjonijiet tat-trasport lokali għal perjodu ta' prova. L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bihom.

6. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport tal-merkanzija u reġistrati jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2006 b'dimensjonijiet li jeċċedu dawk imqiegħda fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 ta' l-Anness I permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew metodi ta' kejl li jvarjaw.

#### L-Artikolu 5

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(6):

(a) vetturi artikulati imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1991 li ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet kontenuti fil-punti 1.6 u 4.4 ta' l-Anness I għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3 jekk ma jeċċedux tul totali ta' 15,50 m;

(b) *road trains*, li l-mutur tal-vettura tagħhom kien imqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 1991 u li ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet kontenuti fil-punti 1.7 u 1.8 ta' l-Anness I, għandhom sal-31 ta' Diċembru 1998 jitqiesu li jikkonformaw ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3 jekk ma jeċċedux tul totali ta' 18,00 m.

#### L-Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jieħu l-miżuri neċessarja biex jassiguraw li l-vetturi ta' l-Artikolu 1 imsemmija fl-Artikolu 1 u li jikkonformaw ma' din id-Direttiva ikollhom waħda mix-xhieda msemmija f' (a), (b) u (ċ):

(a) kombinazzjoni taż-żewġ pjanċi li ġejjin:

- il-“pjanċa tal-fabbrikant” stabbilita u annessa skond id-Direttiva 76/114/KEE <sup>(1)</sup>,
- il-pjanċa li għandha x'taqsam mad-dimensjonijiet, skond l-Anness III, stabbilita u annessa skond id-Direttiva 76/114/KEE;

(b) pjanċa singola stabbilita u annessa skond id-Direttiva 76/114/KEE u li tikkontjeni l-informazzjoni fuq iż-żewġ pjanċi msemmija f'(a);

(ċ) dokument wieħed maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-vettura hi rreġistrata jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni. Dan id-dokument għandu jkollu l-istess intetstauri u informazzjoni bħall-pjanċi msemmija f'(a). Għandu jinżamm f'post faċilment aċċessibbli għall-ispezizzjoni u għandu jinżamm adegwatament protett.

2. Jekk il-karatteristiċi tal-vettura ma jikkorrispondux ma' dawk indikati fuq ix-xhieda ta' konformità, l-Istat Membru fejn il-vettura hi rreġistrata għandu jieħu l-passi neċessarja biex jassigura li x-xhieda ta' konformità hi mibdula.

3. Il-pjanċi u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintgħarfu mill-Istati Membri bħala xhieda tal-konformità tal-vettura prevista f'din id-Direttiva.

4. Vetturi li jkollhom ix-xhieda ta' konformità jistgħu ikunu soġġetti:

- fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar il-piżijiet, għal spezzjonijiet bl-addoċċ,
- fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards komuni dwar id-dimensjonijiet, biss għal spezzjonijiet fejn hemm suspett ta' non-konformità ma' din id-Direttiva.

5. Il-kolonna tan-nofs tal-prova ta' konformità li għandha x'taqsam mal-piżijiet għandha tikkontjeni, meta xieraq, l-istandards tal-piż Komunitarji applikabbli għall-vettura konċernata. Fejn għandhom x'jaqsmu l-vetturi msemmija fil-punt 2.2.2(ċ) ta' l-Anness I, l-iskrizzjoni “44 tunnelli metriċi” għandha tiġi inkluża f'parentesi taħt il-piż massimu awtorizzat tal-kombinazzjoni tal-vettura.

6. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, fejn għandha x'taqsam kull vettura rreġistrata jew imqiegħda f'ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu, li l-piżijiet massimi awtorizzati mil-leġislazzjoni

nazzjonali tiegħu għandhom jiġu indikati bħala xhieda ta' konformità fil-kolonna tan-naħa tax-xellug u l-piżijiet teknikament permissibbli fil-kolonna tan-naħa tal-lemin.

#### L-Artikolu 7

Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-traffiku fit-toroq f'kull Stat Membru li jippermetti l-piż u/jew id-dimensjonijiet tal-vetturi fuq ċerti toroq jew strutturi ta' inġinerija ċivili li jkunu limitati, irrispettivament mill-Istat ta' rreġistrazzjoni ta' dawn il-vetturi.

#### L-Artikolu 8

L-Artikolu 3 m'għandux japplika għall-Irlanda u għar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 1998;

(a) fejn għandhom x'jaqsmu l-istandards imsemmija fil-punti 2.2, 2.3.1, 2.3.3, 2.4 u 3.3.2 ta' l-Anness I:

- bl-eċċezzjoni tal-vetturi artikolati msemmija fil-punt 2.2.2 fejn:

- (i) il-piż mgħobbi totali ma jeċċedix it-38 tunnelli metriċi;

- (ii) il-piż fuq kull tri-fus bl-ispazjar speċifikat fil-punt 3.3.2 ma jeċċedix it-22,5 tunnelli metriċi,

- bl-eċċezzjoni tal-vetturi msemmija fil-punti 2.2.3, 2.2.4, 2.3 u 2.4, fejn il-piż totali mgħobbi ma jeċċedix:

- (i) il-35 tunnelli metriċi għall-vetturi msemmija fil-punti 2.2.3 u 2.2.4;

- (ii) is-17-il tunnelli metriċi għall-vetturi msemmija fil-punt 2.3.1;

- (iii) it-30 tunnelli metriċi għall-vetturi msemmija fil-punt 2.3.3, soġġetti għall-konformità mal-kondizzjonijiet speċifikati f'dak il-punt u fil-punt 4.3;

- (iv) is-27 tunnelli metriċi għall-vetturi msemmija fil-punt 2.4,

(b) fejn għandu x'jaqsmu l-istandard imsemmi fil-punt 3.4 ta' l-Anness I, bl-eċċezzjoni tal-vetturi msemmija fil-punti 2.2, 2.3 u 2.4, fejn il-piż għal kull fus tas-sewqan ma jeċċedix l-10,5 tunnelli metriċi.

#### L-Artikolu 9

Fejn għandu x'jaqsmu l-istandard imsemmi fil-punt 1.2 (a) ta' l-Anness I, Stat Membru jista' jiċħad jew jipprojibixxi l-użu fit-territorju tiegħu, sal-31 ta' Diċembru 1999, ta' xarabanks b'wisa' li jeċċedi t-2,5 m.

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tinforma l-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 1. Id-Direttiva kif laħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 78/507/KEE (ĠU L 155, tat-13.6.1978, p. 31).

*L-Artikolu 10*

Id-Direttiva mniżżla fl-Anness IV, il-Parti A, għandha titħassar b'effett mid-data fl-Artikolu 11, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw it-traspożizzjoni mqiegħda fl-Anness IV, il-Parti B.

Referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni mqiegħda fl-Anness V.

*L-Artikolu 11*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarja biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-17 ta' Settembru 1997. Għandhom imbagħad jinformaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 12*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*L-Artikolu 13*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. COVENEY

## L-ANNEX I

## IL-PIŻIJET U D-DIMENSIJONIJIET MASSIMI U L-KARATTERISTIĊI RELATATI TAL-VETTURI

1. **Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1)(a)**
- 1.1 *It-tul massimu:*
- vettura bil-mutur 12,00 m
  - trailer 12,00 m
  - vettura artikolata 16,50 m
  - road train 18,75 m
  - xarabank artikolat 18,00 m
- 1.2 *Il-wisgħa massimu:*
- (a) il-vetturi kollha 2,55 m
  - (b) superstrutturi ta' vetturi kondizzjonati 2,60 m
- 1.3 *L-Għoli massimu (kwalunkwe vettura)* 4,00 m
- 1.4 Superstrutturi li jitneħħew u oġġetti tat-tagħbija standardizzati bħall-*containers* huma inklużi fid-dimensjonijiet speċifikati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.6, 1.7, 1.8 u 4.4
- 1.5 Kull vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vettura f'moviment għandha tkun tista' ddur fi ħdan ċirku b'radju fuq barra ta' 12,50 m u radju fuq ġewwa ta' 5,30 m.
- 1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u l-wara tas-*semi-trailer* 12,00 m
- 1.7 Id-distanza massima mkejla parallela ma' l-assi lonġitudinali tar-*road train* mill-punt estern l-iktar 'il quddiem ta' l-ispazju tat-tagħbija wara l-kabina sal-punt estern tat-*trailer* tal-kombinazzjoni l-iktar fuq wara, naqqas id-distanza bejn il-wara tal-vettura li qed tiġbed u l-quddiem tat-*trailer* 15,65 m
- 1.8 Id-distanza massima mkejla parallela għall-*axis* lonġitudinali tar-*road train* mill-punt estern l-iktar 'il quddiem ta' l-ispazju tat-tagħbija wara l-kabina sal-punt estern l-iktar lura tat-*trailer* tal-kombinazzjoni 16,40 m
2. **Il-piż massimu awtorizzat tal-vettura (ftunnellati metriċi)**
- 2.1 *Vetturi li jiffurmaw parti minn kombinazzjoni ta' vettura*
- 2.1.1 *Trailer b'żewġ fusijiet* 18-il tunnellata metrika

2.1.2	<i>Trailer</i> bi tliet fusijiet	24 tunnellata metrika
2.2.	<i>Il-kombinazzjonijiet tal-vettura</i>	
2.2.1	Feroviji tat-toroq b'ħames jew sitt fusijiet	
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusijiet bi <i>trailer</i> bi tliet fusijiet	40 tunnellata metrika
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusijiet bi <i>trailer</i> b'żewġ fusijiet jew bi tlieta	40 tunnellata metrika
2.2.2	Vetturi Artikolati b'ħames jew b'sitt fusijiet	
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusijiet bi <i>trailer</i> bi tliet fusijiet	40 tunnellata metrika
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusijiet b' <i>semi-trailer</i> b'żewġ jew bi tliet fusijiet	40 tunnellata metrika
	(c) vettura bil-mutur bi tliet fusijiet b' <i>semi trailer</i> b'żewġ jew bi tliet fusijiet li jiffla <i>container</i> ISO ta' 40 pied bħala operazzjoni ta' trasport ikkombinat	44 tunnellata metrika
2.2.3	<i>Road trains</i> b'erba' fusijiet li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusijiet u bi <i>trailer</i> b'żewġ fusijiet	36 tunnellata metrika
2.2.4	Vetturi artikolati b'erba' fusijiet li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusijiet u <i>semi-trailer</i> b'żewġ fusijiet, jekk id-distanza bejn il-fusijiet tas- <i>semi-trailer</i> :	
2.2.4.1.	hija 1,3 m jew akbar imma mhux aktar minn 1,8 m	36 tunnellata metrika
2.2.4.2.	hija akbar minn 1,8 m	36 tunnellata metrika
		+ 2 tunnellati metriċi marġni meta l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata metrika) u l- MAW tal-fus tandem tas- <i>semi-trailer</i> (20 tunnellata metrika) huwa rispettata u l-fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u s-sospensjoni ta' l-arja jew is-sospensjoni magħrufa bħala ekwivalenti fi ħdan il-Komunità kif definit fl-Anness II.
2.3	<i>Vetturi bil-mutur</i>	
2.3.1	Vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet	18-il tunnellata metrika
2.3.2	Vetturi bil-mutur b'tliet fusijiet	– 25 tunnellata metrika – 26 tunnellata metrika
		meta l-fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u s-sospensjoni ta' l-arja jew is-sospensjoni magħrufa bħala ekwivalenti fi ħdan il-Komunità kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix id-9,5 tunnellati metriċi.
2.3.3	Vetturi bil-mutur b'erba' fusijiet b'żewġ fusijiet tas-sewqan	– 32 tunnellata metrika
		meta l-fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u s-sospensjoni ta' l-arja jew is-sospensjoni magħrufa bħala ekwivalenti fi ħdan il-Komunità kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix id-9,5 tunnellati metriċi.
2.4.	<i>Xarabanks artikolati bi tliet fusijiet</i>	28 tunnellata metrika



3.	<b>Il-piż massimu awtorizzat tal-fusijiet tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) (ftunnellati metriċi)</b>	
3.1	<i>Fusijiet singoli</i>	10 tunnellati metriċi
	Fus singolu mhux tas-sewqan	
3.2	<i>Fusijiet tandem ta' trailers u semi-trailers</i>	
	Is-somma tal-piżijiet tal-fusijiet għal kull fus tandem m'għandhiex teċċedi, jekk id-distanza (d) bejn il-fusijiet hi:	
3.2.1	inqas minn 1 m ( $d < 1,0$ )	11-il tunnellata metrika
3.2.2	bejn 1,0 m u inqas minn 1,3 m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	16-il tunnellata metrika
3.2.3	bejn 1,3 m u inqas minn 1,8 m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	18-il tunnellata metrika
3.2.4	1,8 m jew iktar ( $1,8 \leq d$ )	20 tunnellata metrika
3.3	<i>Tri-Fusijiet ta' trailers u semi-trailers</i>	
	Is-somma tal-piżijiet tal-fus għal kull tri-fus m'għandhiex teċċedi, jekk id-distanza (d) bejn il-fusijiet hi:	
3.3.1	1,3 m jew inqas ( $d \leq 1,3$ )	21 tunnellata metrika
3.3.2	iktar minn 1,3 m u sa 1,4 m ( $1,3 < d \leq 1,4$ )	24 tunnellata metrika
3.4	<i>Il-Fus tas-sewqan</i>	
3.4.1	Il-Fus tas-sewqan tal-vetturi msemmija f' 2.2.1 u 2.2.2	11,5 tunnellati metriċi
3.4.2	Il-fus tas-sewqan tal-vetturi msemmija fil-punti 2.2.3, 2.2.4, 2.3 u 2.4	11,5 tunnellati metriċi
3.5	<i>Il-Fusijiet tandem tal-vetturi bil-mutur</i>	
	Is-somma tal-piżijiet tal-fusijiet għal kull fus tandem m'għandhiex teċċedi, jekk id-distanza (d) bejn il-fusijiet hi:	
3.5.1	inqas minn 1 m ( $d < 1,0$ )	11,5 tunnellata metrika
3.5.2	1,0 m jew iktar imma inqas minn 1,3 m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	16-il tunnellata metrika
3.5.3	1,3 m jew iktar imma inqas minn 1,8 m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	– 18-il tunnellata metrika – 19-il tunnellata metrika

meta l-fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u s-sospensjoni ta' l-arja jew is-sospensjoni magħrufa bħala ekwivalenti fi ħdan il-Komunita kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan hu mgħammar b'tajers tewmin u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix id-9,5 tunnellati metriċi.

4. **Karatteristiċi rrelatati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1)(b)**
- 4.1. *Il-vetturi kollha*  
Il-piż merfugħ mill-fus tas-sewqan jew mill-fusijiet tas-sewqan ta' vettura jew kombinazzjoni ta' vettura m'għandux ikun inqas minn 25 % tal-piż totali m'għobbi tal-vettura jew tal-kombinazzjoni tal-vettura, meta użata fit-traffiku internazzjonali.
- 4.2. *Ir-Road trains*  
Id-distanza bejn il-fus ta' wara ta' vetura bil-mutur u l-fus ta' quddiem ta' *trailer* m'għandhiex tkun inqas minn 3,00 m.
- 4.3. *Il-Piż massimu awtorizzat jiddependi mill-bażi tar-rota*  
Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati metriċi ta' vettura bil-mutur b'erba' fusijiet ma jistax jeċċedi ħames darbiet id-distanza f'metri bejn il-fusijiet tal-fusijiet l-iktar 'il quddiem u l-iktar lura tal-vettura.
- 4.4. *Semi-trailers*  
Id-distanza mkejla orizzontalment bejn il-fus tal-pern tal-ħames rota u kwalunkwe punt fil-quddiem tas-semi-trailer m'għandhiex teċċedi t-2,04 m.
-

## L-ANNEX II

**KONDIZZJONIJET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' L-EKWIVALENZA BEJN ĊERTI SISTEMI TA' SOSPENSJONI MINGĦAJR ARJA U SOSPENSJONI TA' L-ARJA GĦAL FUS(IJIET) TAS-SEWQAN TAL-VETTURI**

## 1. ID-DEFINIZZJONI TAS-SOSPENSJONI TA' L-ARJA

Sistema ta' sospensjoni hija kkunsidrata arja sospiża jekk mill-inqas 75 % ta' l-effett tal-molla hu kkawżat mill-molla ta' l-arja.

## 2. EKWIVALENZA GĦAS-SOSPENSJONI TA' L-ARJA

Sospensjoni magħrufa bħala ekwivalenti għal sospensjoni ta' l-arja għandha tikkonforma ma' li ġej:

- 2.1. matul oxxillar wieqaf baxx *free transient* tal-massa mmullata 'l fuq mill-fus tas-sewqan jew mill-bogie, il-frekwenza mkejla u *d-damping* mas-sospensjoni li jerfa' t-tagħbija massima tiegħu għandha taqa' fi ħdan il-limiti definiti fil-punti 2.2 sa 2.5;
- 2.2. kull fus għandu jkun m'għammar b'dampers idrawliċi. Fuq bogies b'fus tandem, id-dampers għandhom ikunu pożizzjonati biex jimminimizzaw l-oxxillar tal-bogies;
- 2.3. il-proporzjon medju ta' *damping* D għandu jkun iktar minn 20 % tad-*damping* kritiku għas-suspensjoni fil-kondizzjonijiet normali tagħha b'dampers idrawliċi fil-post u f'operazzjoni;
- 2.4. il-proporzjon ta' *damping* D tas-suspensjoni bid-dampers idrawliċi kollha mneħħija jew inkapaċitati m'għandux ikun iktar minn 50 % ta' D;
- 2.5. il-frekwenza tal-massa mmullata 'l fuq mill-fus tas-sewqan jew mill-bogie *f'oxxillar free transient* m'għandhiex tkun ogħla minn 2,0 Hz;
- 2.6. il-frekwenza u *d-damping* tas-suspensjoni huma mogħtija fil-paragrafu 3. Il-proċeduri ta' test għall-kejl tal-frekwenza u *d-damping* huma stabbiliti fil-paragrafu 4.

## 3. DEFINIZZJONI TAL-FREKWENZA U TAD-DAMPING

F'din id-definizzjoni hija kkunsidrata massa mmullata M (kg) 'l fuq mill-fus tas-sewqan jew mill-bogie. Il-fus jew il-bogie għandha riġidità wieqfa totali bejn il-wiċċ tat-triq u l-massa mmullata ta' K Newtons/metru (N/m) u koefiċjent totali ta' *damping* ta' C Newtons għal kull metru f'kull sekonda (N.s/m). Iċ-ċaqliq wieqaf tal-massa mmullata huwa Z. L-ekwazzjoni tal-moviment għall-oxxillar ħieles tal-massa mmullata hi:

$$M \frac{d^2 Z}{dt^2} + C \frac{dZ}{dt} + kZ = 0$$

Il-frekwenza ta' l-oxxillar tal-massa mmullata F (rad/sec) hi:

$$F = \sqrt{\frac{K}{M} - \frac{C^2}{4M^2}}$$

Id-damping huwa kritiku meta  $C = C_0$ ,

fejn

$$C_0 = 2\sqrt{KM}$$

Il-proporzjon ta' *damping* bħala frazzjoni tad-damping kritiku hu  $C/C_0$ .

Matul l-oxxillar *free transient* tal-massa mmullata l-moviment wieqaf tal-massa jsegwi mogħdija *sinusoidal damped* (Il-Figura 2). Il-frekwenza tista' tiġi stmata bil-kejl tal-ħin għal dawġ iċ-ċikli ta' oxxillar li jistgħu jiġu osservati. Id-*damping* jista' jiġi stmat bil-kejl ta' l-għoli tal-ponot suċċessivi ta' l-oxxillar fl-istess direzzjoni. Jekk l-ampjezza tal-

ponot ta' l-ewwel u t-tieni ċiklu ta' l-oxxillar huma  $A_1$  u  $A_2$ , allura l-proporzjon ta' damping  $D$  hu:

$$D = \frac{C}{C_0} = \frac{1}{2\pi} \ln \frac{A_1}{A_2}$$

ln' il-logaritmu naturali tal-proporzjon tar-rapport ta' ampiezza.

#### 4. IL-PROCĊEDURA TAT-TEST

Biex jiġi stabbilit b'test il-proporzjon ta' *damping*  $D$ , il-proporzjon ta' *damping* bid-dampers idrawliċi imneħħija, u l-frekwenza tas-sospensjoni  $F$ , il-vettura mgħobbija għandha jew:

(a) tiġi misjuqa b'veloċità baxxa ( $5 \text{ km/hr} \pm 1 \text{ km/hr}$ ) tul tarġa ta'  $80 \text{ mm}$  bil-profil muri fil-Figura 1. L-oxxillar *transient* li għandu jiġi analizzat għall-frekwenza u d-*damping* iseħħ wara li r-roti fuq il-fus tas-sewqan ikunu ħallew it-tarġa;

jew

(b) tingħibed 'l isfel mix-*chassis* sabiex it-tagħbija fuq il-fus tas-sewqan hija  $1,5$  darbiet il-valur statiku massimu tagħha. Il-vettura miżmuma

jew

(c) tingħibed mix-*chassis* sabiex il-massa mmullata tkun merfugħa  $80 \text{ mm}$  'l fuq mill-fus tas-sewqan. Il-vettura miżmuma 'l fuq hi f'daqqa waħda mwaqqgħa u l-oxxillar sussegwenti analizzat;

jew

(d) tkun soġġetta għal proċeduri oħrajn sa fejn kien ippruvat mill-fabbrikant, għas-soddisfazzjon tad-dipartiment tekniku, li huma ekwivalenti.

Il-vettura għandha tkun strumentata b'*displacement transducer* wieqaf bejn il-fus tas-sewqan u *x-chassis*, direttament fuq il-fus tas-sewqan. Mit-traċċa, l-intervall bejn l-ewwel u t-tieni ponot ta' kompressjoni jista' jitkejjel biex tinkiseb il-frekwenza  $F$  u l-proporzjon ta' l-amplitudini biex jinkiseb id-*damping*. Għal bogies bi *twin-drive*, *displacement transducers* weqfin għandhom jitqiegħdu bejn kull fus tas-sewqan u *x-chassis* direttament fuq.

Figura 1

#### Tarġa għat-testijiet tas-sospensjoni





Figura 2

#### Risposta ta' *damped transience*



## L-ANNEX III

**PJANĊA LI GĦANDHA X'TAQSAM MAD-DIMENSIJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6(1)(a)**

- I. Il-pjanċa li għandha x'taqsam mad-dimensjonijiet, sa fejn possibbli mwaħħla viċin tal-pjanċa msemmija fid-Direttiva 76/114/KEE, għandu jkollha d-data li ġejja:
1. l-isem tal-fabbrikant <sup>(1)</sup>;
  2. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura <sup>(1)</sup>;
  3. it-tul tal-vettura bil-mutur, tat-trailer jew tas-semi-trailer (L);
  4. il-wisgħa tal-vettura bil-mutur, tat-trailer jew tas-semi-trailer (W);
  5. data għall-kejl tat-tul tal-kombinazzjonijiet tal-vettura:
    - id-distanza (a) bejn il-quddiem tal-vettura bil-mutur u ċ-ċentru ta' l-istrument ta' l-agganċjar (il-ganċ ta' l-agganċjar jew il-ħames rota); fil-każ tal-ħames rota b'diversi punti ta' l-agganċjar, il-valuri minimi u massimi għandhom jingħataw
    - id-distanza (b) bejn iċ-ċentru ta' l-istrument ta' l-agganċjar tat-trailer (iċ-ċirku tal-ħames rota) ( $a_{\min}$  u  $a_{\max}$ ), jew tas-semi-trailer (il-pern) u l-wara tat-trailer jew tas-semi-trailer; fil-każ ta' strument b'diversi punti ta' l-agganċjar, il-valuri minimi u massimi għandhom jingħataw ( $b_{\min}$  u  $b_{\max}$ ).
- It-tul tal-kombinazzjonijiet tal-vettura huwa t-tul tal-vettura bil-mutur u t-trailer jew is-semi-trailer mqiegħda f'linja dritta wara xulxin.
- II. Il-valuri mogħtija fuq xiehda ta' konformità għandhom jirriproduċu eżattament l-istess miżuri mwettqa direttament fuq il-vettura.

---

<sup>(1)</sup> Din l-informazzjoni m'għandhiex għalfejn tiġi ripetuta meta l-vettura jkollha pjanċa singola li jkollha d-data dwar kemm il-piżijiet u d-dimensjonijiet.

## L-ANNEX IV

## IL-PARTI A

**DIRETTIVI MĦASSRA**

(imsemmija fl-Artikolu 10)

- Id-Direttiva 83/3/KEE dwar il-piżizzjiet, id-dimensjonijiet u ċerti karatteristiċi tekniċi oħrajn dwar ċerti vetturi tat-triq u l-emendi suċċessivi tagħha:
  - Id-Direttiva 86/360/KEE
  - Id-Direttiva 88/218/KEE
  - Id-Direttiva 89/338/KEE
  - Id-Direttiva 89/460/KEE
  - Id-Direttiva 89/461/KEE
  - Id-Direttiva 91/60/KEE
  - Id-Direttiva 92/7/KEE
- Id-Direttiva 86/364/KEE li għandha x'taqsam max-xhieda ta' konformità ta' vetturi mad-Direttiva 85/3/KEE dwar il-piżizzjiet, id-dimensjonijiet u ċerti karatteristiċi tekniċi oħrajn ta' ċerti vetturi tat-triq.

## IL-PARTI B

<i>Direttiva</i>	<i>Għeluq iż-żmien għat-traspożizzjoni</i>
85/3/KEE (ĠU L 2, tat-3.1.1985, p. 14)	fl-1 ta' Lulju 1986 fl-1 ta' Jannar 1990
86/360/KEE (ĠU L 217, tal-5.8.1986, p. 19)	fl-1 ta' Jannar 1992
86/364/KEE (ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 48)	fid-29 ta' Lulju 1987
88/218/KEE (ĠU L 98, tal-15.4.1988, p. 48)	fl-1 ta' Jannar 1989
89/338/KEE (ĠU L 142, tal-25.5.1989, p. 3)	fl-1 ta' Lulju 1991
89/460/KEE (ĠU L 226, tat-3.8.1989, p. 5)	fl-1 ta' Jannar 1993
89/461/KEE (ĠU L 226, tat-3.8.1989, p. 7)	fl-1 ta' Jannar 1991
91/60/KEE (ĠU L 37, tad-9.2.1991, p. 37)	fit-30 ta' Settembru 1991
92/7/KEE (ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 29)	fil-31 ta' Diċembru 1992.

## L-ANNEX V

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Din id-Direttiva	85/3/KEE	86/360/KEE	86/364/KEE	88/218/KEE	89/338/KEE	89/460/KEE	89/461/KEE	91/60/KEE	92/7/KEE
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 1(1)								
L-Artikolu 1(1) (a)	–								
L-Artikolu 1(1) (b)	L-Artikolu 1(1) (b)								
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 1(2)								
L-Artikolu 2 -1 sars-4 u s-6 sa l-10 inċiż					L-Artikolu 1(2)				
L-Artikolu 2 Il-5, il-11 u t-t12-il inċiż	–								
L-Artikolu 2 L-aħħar paragrafu	–								
L-Artikolu 3(1)	–								
L-Artikolu 3(1) (a)/(b)	L-Artikolu 3(1) (a)/(b)								
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 3(2)								
L-Artikolu 3(3)	–								
L-Artikolu 4	–								
L-Artikolu 5(a)							L-Artikolu 1(1)		
L-Artikolu 5(b)								L-Artikolu 1(1)	
Artikolu 6 (1 sa 4)			L-Artikolu 1 (1 sa 4)						





Din id-Direttiva	85/3/KEE	86/360/KEE	86/364/KEE	88/218/KEE	89/338/KEE	89/460/KEE	89/461/KEE	91/60/KEE	92/7/KEE
Il-Punt 2.3 sa 2.3.1					L-Artikolu 1(5) (c)				
Il-Punt 2.3.2 sa 2.3.3									L-Artikolu 1(1) (b sa ċ)
Il-Punt 2.4					L-Artikolu 1(5) (c)				
Il-Punt 3 sa 3.3.2	Il-Punt 3 sa 3.3.2								
Il-Punt 3.4 sa 3.4.1		L-Artikolu 1(3)							
Il-Punt 3.4.2 sa 3.5.2					L-Artikolu (5) (d)				
Il-Punt 3.5.3									L-Artikolu 1(1) (d)
Il-Punt 4 sa 4.2	Il-Punt 4 sa 4.2								
Il-Punt 4.3					L-Artikolu 1(5)(e)				
Punt 4.4							L-Artikolu 1(4)		
L-Anness II									L-Anness III
L-Anness III			L-Anness						